MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tat-28 ta' Frar, 2013

Citazzjoni Numru. 752/2001/1

**Boxit Limited**

**vs**

**Associated News Group Limited**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici datata 2 ta' Mejju 2001 fejn esponiet: -

Illi s-socjeta` konvenuta hija debitrici versu s-socjeta' attrici fl-ammont ta' elf, tliet mija u sbatax-il lira Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm1,317.33), rapprezentanti prezz ta' 'sun visors' maghmulin fuq ordni tas-socjeta` konvenuta u debitament konsenjati izda mhux imhallsa;

Illi dan ix-xoghol inhadem fuq is-'samples' li gew murija u accettati mis-socjeta' konvenuta;

Illi ghalkemm giet interpellata sabiex thallas, is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti;

Tghid ghalhekk is-socjeta' konvenuta 'l ghaliex din il-Qorti m'ghandiex:

1. Tiddikjara illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici versu s-socjeta' attrici fl-ammont ta' elf, tliet mija u sbatax-il lira Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm1,317.33), rapprezentanti prezz ta' 'sun visors' debitament konsenjati lis-socjeta` konvenuta izda mhux imhallsa;

2. Tikkundanna s-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf, tliet mija u sbatax-il lira Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm1317.33);

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra bonarja datata 1 ta' Dicembru 2000, u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-konsenja tal-merkanzija sad-data tal-pagament effettiv.

Ir-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta f'proceduri gudizzjarji hu ingunt minn issa in subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tal-20 ta' Mejju 2000.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta datata 8 ta' Gunju 2001 (fol 15) fejn esponiet:-

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici *stante* li x-xoghol maghmul mis-socjeta` attrici ma kienx skont is-*samples* miftiehma u l-ordni kif maghmula mis-socjeta` konvenuta. L-istess xoghol lanqas ma kien skont l-arti u s-sengha, tant li l-istess xoghol gie rifjutat mis-socjeta` li ghan-nom taghha kien ordnat dan ix-xoghol, kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku Alfred P. Camenzuli pprezentat fir-registru fid-29 ta’ Settembru 2005 (fol 46).

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta inkluz dak tal-4 ta’ April 2006 fejn dehret biss Dr. Katya Azzopardi ghall-Kumpanija attrici. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ Gunju 2006.

Rat in-nota tas-surroga datata 16 ta’ Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-14 ta’ Frar 2013 quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta’ Frar 2013.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi permezz tal-kawza odjerna, is-socjeta` attrici qed titlob li tithallas tal-prezz ta' xoghol konsistenti f' *laminated die cut sun visors c/w handle printed in 4 colour and varnish. Ref. Dragonara Casino; Size 1200 X 610 X 2mm* mahdumin fuq ordni tas-socjeta` konvenuta. Dawn kienu gew debitament ikkonsenjati izda irrifjutati.

Il-lanjanza tas-socjeta` konvenuta tohrog mill-eccezzjonijiet taghha fis-sens li x-xoghol ma kienx skont is-*samples* miftehma u l-ordni maghmula minnha. *Inoltre* l-istess xoghol lanqas gie mahdum skont l-arti u s-sengha.

Madanakollu l-partijiet qablu quddiem il-Perit tekniku nominat f'din il kawza li "*id-differenza tikkonsisti fil-fatt illi l-qtugh fil-parti orizzontali ta' fuq tas-"sun visor" intiza biex taghmel spazju ghar-"rear view mirror" tesporgi ghal fuq l-emblema tad-"Dragonara Casino bil-konsegwenza li parti mir-ras tad-dragun tigi maqtugha*[1]".

---

[1] Verbal redatt fis-seduta tal-21 ta ' Marzu 2002 a fol. 65 tal-process.

Is-socjeta` attrici esibiet dizinn tas-*sun visor (DOK MS-1)* kif ukoll kopja tal-*films* mahduma mill-*printer* imqabbad mis-socjeta` attrici, cioe` J & A Bonnici (Dokti MS-2 u MS-3) u kopja tal-*artwork* (DOK MS-4).

L-unici xhieda li tressqu f'din il-kawza kienu dawk tas-socjeta` attrici u cioe`, Marco Satariano u Louis Scerri. Rigward ix-xhud Louis Scerri, din il-Qorti rat id-Digriet taghha kif diversament presjeduta tal-24 ta' Novembru 2003 li permezz tal-istess cahdet it-talba tas-socjeta` attrici sabiex tigi awtorizzata tressaq lil dan ix-xhud mhux awtorizzat. Ghaldaqstant din il-Qorti kif prezentament presjeduta tordna li x-xhieda traskritta ta' Louis Scerri tigi sfilzata mill-process.

**Marco Satariano** ghas-socjeta` attrici, xehed li kien ipprezenta erba' kampjuni ta' *sun visors* lis-socjeta` konventa li kienu zewg pari differenti. "Il-qisien kienu identici. Dawn kienu juru kemm id-divizjoni ta' liwi kif ukoll il-qtugh li jinkludi wkoll il-*perforation* ghar-*rear view mirror*"[2](*fol.66).* Il-konvenut ikkonferma verbalment ordni ta' 2000 *sun visor* bil-*lock* ghall-prezz ta' 58c-il wahda u x-xhud ghaddielu *sun visor* li hadem ghall-ditta ohra "*sabiex is-socjeta` konvenuta tkun tista' tahdem l-art work tal-klijenti taghhom" (fol 66)*[3]*.* Sussegwentement ir-rappresentant tal-ANG ikkonfermalu li l-*artwork* kien lest u il-printer imqabbad mis-socjeta` attrici, J & A Bonnici, ipprezentaw *film directions* precizi li gew iffeksjati lis-socjeta` konvenuta **(Dokumenti MS2 u MS3 esebiti mix-xhud).** Satariano xehed li kien offra lir-rappresentant tal-ANG Ltd sabiex jehodlu l-*cutter,* u cioe` l-forma originali li fuqha jinqatghu s-*sun visors*, u dan qallu li "*ma kienx hemm ghalfejn ghax kien bizzejjed is-sample provdut."* Kopja tal- *artwork* tad-Dragonara Casino wkoll ghaddiet lis-socjeta` attrici **(DOK MS-4).** Skont dan ix-xhud ANG irripproduciet l-*art work* u ghaddietu lill-printer," u cioe` il-films sabiex jesegwixxi x-xoghol."[4]

---

[2] Fol. 66 tal-process.
[3] Ibid.
[4] Fol.67

Ix-xhud kompla spjega l-process billi l-prints li gew mahduma minn J & A Bonnici wahhluhom b'*laminated* fuq il-kartun korrugat li mbaghad gie maqtugh fuq il-*cutter* jew *shape* li ghazel l-attur." Kien is-*sun visor* komplut li mbaghad intbaghat lid-Dragonara Casino direttament.

Irrizulta li din l-ordni giet rifjutata u s-socjeta` konvenuta rrifjutat ukoll li thallas taghhom.[5] Dan ix-xhud ikkonferma li qatt ma ta *sun visor* bhala kampjun *finished. Xehed ukoll li "il-film directions (li jigu ippreparati minn J & A Bonnici) ikollhom qisien precizi fuqhom."*[6]

Illi jirrizulta li l-partijiet irrestringew l-iskop tal-vertenza *ai termini* tal-verbal miftiehem minnhom quddiem il-Perit tekniku fuq riprodott, redatt fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2002 a fol. 65 tal-process.

L-istess Perit Tekniku, wara li ezamina l-provi li gew prodotti quddiemu ikkonsidra "*li parti zghira ferm minn fuq ras id-dragun giet effettwata bil-qtugh, kif jidher mid-Dok. MS-1, u kkonkluda li "fl-opinjoni tieghi dan ma jtellef xejn mid-disin originali muri f'Dok MS-4 b'mod li ras id-dragun ma tingharafx sewwa. Jekk wiehed jara s-sun visor li gie provvdut <u>ma ghandux diffikulta` jaghraf il-logo tad-Dragonara Casino</u>*" (sottolinear tal-Qorti).[7] Hu kkonsidra li *ghalkemm id-dokument MS-4 ma jurix il-qtugh fuq il-parti orizzontali ta' fuq id-disin, dan kien wiehed irid jasumiegh minnhabba li ebda "sun visor" ma jista' jigi imqieghed mal-"windscreen" min-naha ta' gewwa l-vettura minghajr dan il-qtugh."* Hu kkonkluda li t-talba attrici hija gustifikata.

Din il-Qorti, fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, ma ssibx diffikulta` li taddotta fis-shih il-konkluzjonijiet tal-Perit Tekniku u minnu avvanzati wara li sema' ix-xhieda u evalwa l-provi teknici li gew imressqa quddiemu.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

---

[5] Fol.70 tal-process.

[6] Fol.70a.

[7] Ara rapport tal-Perit tekniku a fol. 50 tal-process.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, **tilqa'** it-talbiet attrici u tiddikjara s-socjeta` konvenuta debitrici tas-socjeta` attrici fis-somma ta' €3,068.55 prezz ta' *sun visors* debitament ikkonsenjati u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici din is-somma ta' €3,068.55 bl-imghaxijiet kummercjali li jibdew jiddekorru mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez jithallsu mis-socjeta` konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------